## BERNADETTA TONFOH FLAWT

*Bernadetta ċ-ċkejkuna*
*Qagħdet bil-qiegħda fl-art bi flawt tal-plastic*
*U bħal Indjana bdiet iddoqq weħedha*
*U saħħret*
*Mbux serp bla ħlewwa, iżda l-Gost li ħarken*
*Jara, jisma' w jitgħaxxaq.*

5.xi.64 — MANUEL CASSAR

## INDIEMA

*Ma nafx għaliex*
*jekk tas-serduq jien nisma',*
*fid-dlam tal-lejl,*
*fil-ħemda,*
*il-leħen kiebi,*
*tiswied din qalbi*
*u naħseb*
*fil-Ħaqq, fit-tmiem ta' jiemi ...*

*Mulej, bħal siġra,*
*f' dal wied tad-dmugħ*
*ħawwaltni*
*sabiex frott tajjeb*
*nagħti tul ħajti ...*
*Għaddew il-ġranet ...*
*tat frott sabiħ*
*din ruħi? ...*
*Nibża', nirtogħ'd, Mulej,*
*għax Ħakem int tas-Sewwa ...*

*Dal-leħen tas-serduq,*
*dal-leħen kiebi*
*jinfed lil qalbi*
*u naħseb*
*fid-dnub ta' Pietru,*
*naħseb f'ħtijieti ...*
*Dal-leħen li bil-lejl*
*jinfed lid-dalma,*
*jinfed lil ruħi*
*u nibki ...*

*Ħniena, Mulej, ... Maħtur*
*kont jien mit-tjieba tiegħek*
*rażul, qassis ta' Mħabbtek,*
*xbieha ta' Kristu,*
*noffri l-Quddies, inbierek,*
*naħfer dnubiet il-ħati,*
*fl-imħabba l-qlub*
*inżewweġ,*
*l-erwieħ fit-tmiem tal-ħajja*
*inwassal*
*ġo Ħdanek ...*
*Imxejt, Mulej, tul ħajti*
*fl-imħabba, t-tjieba, d-dmir?*
*Mulej Ħanin,*
*Int maħfra ta' dnubieti ...*

*Infed, serduq,*
*Infed lil ruħi,*
*b'leħnek ħekk kiebi,*
*bħal Pietru,*
*nibża', nirtogħ'd*
*u nibki ...*

Ramle — Israel, 1964 — P. ĠUSÈ CREMONA O.F.M.